MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 2192/1997/1

**John u Brigitte konjugi Pisani**

**Vs**

**Charles Borg**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-25 ta' Settembru 1997 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi minhabba imprudenza, negligenza, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u tar-regoli ta' komportament mistenni da parti tal-konvenut u dan b' dannu ta' l-atturi, gew kagunati danni meta fil-11 ta' Lulju 1997, ghal xi 12:15 p. m. fis-Salini, fit-triq li tiehu ghan-Naxxar, il-konvenut waqt li kien qed isuq il-karozza Escort BAJ 498

baqa' diehel fil-vettura O - 5087 li llum ghandha n-numru EAZ 425;

Premess illi dawn id-danni, jikkonsistu fi hsara kagjonata fil-vettura ta' l-atturi;

Premess illi minkejja kull interpellazzjoni, ma kienx hemm rizarciment mill-konvenut;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli tad-danni sofferti mill-atturi meta fil-11 ta' Lulju 1997, ghal xi 12:15 p. m. fis-Salini, fit-triq li tiehu ghan-Naxxar, il-konvenut waqt li kien qed isuq il-karozza Escort BAJ 498 baqa' diehel fil-vettura O - 5087 li llum ghandha n-numru EAZ 425;

2. Tillikwida d-danni kagjonati, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ghal-hlas hekk likwidati;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, inkluzi l-ispejjez ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut pprezentata fl-20 ta' Mejju 1998, li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi dak li talbu l-atturi ghandu jigi michud bl-ispejjez billi l-incident stradali in kwistjoni sar tort ta' l-attur;

2. B' rizerva ta' kull eccezzjoni ohra permessa mil-ligi, *si et quatenus* u minn issa l-attur qed jigi nterpellat jaghmel tajjeb ghad-danni tal-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-10 ta’ Lulju 2002 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat l-affidavitsipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

L-incident mertu ta’ din il-kawza sehh fil-11 ta’ Lulju 1997 fit-triq li mis-Salini taghti ghan-Naxxar, aktar precizament fil-vicinanzi tal-Lancer Hotel. Il-karozzi involuti kienu dawk bin-numri ta’ registrazzjoni O - 5087 u BAJ - 498 misjuqa rispettivament mill-attur u mill-konvenut. L-iskontru sehh meta l-vetturi habtu bil-parti leminija ta’ quddiem. Jidher li l-impatt kien wiehed ta’ certu rilevanza tant li d-danni reklamati mill-attur jittotalizzaw ghal cirka elf u tlett mitt lira (Lm1300). Ara affidavit ta’ l-attur a fol. 14 tal-process;

Jirrizulta li fiz-zmien ta’ l-incident fit-triq in kwestjoni kienu qed isiru xoghlijiet ta’ thaffir ta’ gandott fil-parti transitata mill-konvenut. Dan jikkonfermawh iz-zewg kontendenti u hu rispekkjat anke mir-ritratti esebiti (fol. 16, 67 u 68). Ghal min hu familjari ma’ din it-triq din mhix wahda dritta xemgha kif hekk indikata fl-iskizz (fol. 27) izda ghandha kurvaturi matul il-kors taghha. Dan kif muri fl-is*ketch* esebit mill-konvenut (fol. 54) u kif jidher ukoll mir-ritratti (fol. 68);

L-attur jaskrivi l-htija ghal dan l-incident fil-konvenut billi jaddebitalu sewqan eccessiv u l-fatt li dan kien qed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq. Ghalkemm ma rahx l-incident

isehh dan il-fatt hu sorrett ukoll mix-xhieda ta’ Eleno Zarb (fol. 22). Fl-Affidavit tieghu dan ix-xhud hekk ippreciza: “Jien osservajt li fit-triq kien hemm *cats eyes* u l-karozza l-ohra kienet dahlet fuq is-*side* minn fejn inzerta ghaddej John Pisani.”;

Minn naha tieghu l-konvenut jirribatti l-allegazzjonijiet ta’ l-attur billi jsostni li l-attur kien ghadu kif ghamel sorpass ta’ vettura ohra qabel ma habat mieghu. Ara okkorrenza a fol. 28. Jikkontendi wkoll illi qabel il-habta hu kien qieghed ezatt mal-*cat’s eyes* (fol. 74) u kien bl-impatt li hu spicca ikkavalla l-karreggjata ta’ l-attur (fol. 77);

Il-konsiderazzjonijiet li jemanu mill-premessi fatti huma dawn:-

(1) Il-fatt li fuq in-naha tat-triq transitata mill-konvenut kienu qed isiru xoghlijiet u din kienet invasa minn trinka, *rubble*, *barriers* u *hymac* (ara Affidavit, oltre dak tal-konvenut, ta’ martu Christine Borg, fol. 53) kien jinnecessita li dan jisposta ruhu aktar lejn il-lemin biex jevitahom. Difatti l-konvenut stess jistqarr li meta gie biex jaqbez il-*hymac* kellu jixghel l-*indicator* tal-lemin (fol. 75). Ragonevolment din is-senjalazzjoni saret minnu biex proprju juri li hu kien qed jisposta ruhu lateralment lejn il-lemin;

(2) Naturalment, gjaladarba n-naha tieghu tat-triq kienet okkupata mix-xoghlijiet li kienu qed isiru, kien wisq logiku mistenni li l-konvenut jevitahom “*rimettendosi dal lato della via che e` libera dalle pietre, fosse anche il lato destro*” (“**Schembri -vs- Simpson**”, Appell Civili, 8 ta’ Gunju 1925). Manuvra bhal din ghandha allura tfisser li l-konvenut “*non venne meno alla dovuta diligenza nel transitare pel lato destro della strada lungo le petrulle*” (“**Giuseppe Attard -vs- Peter Mayor**”, Appell Civili, 30 ta’ Ottubru 1925);

(3) Filwaqt li dawn l-enuncjazzjonijiet huma korretti u jsibu adezjoni, minn naha l-ohra hu mistenni, imbaghad, li

gjaladarba l-konvenut htieglu jsegwi dan il-perkors kif fis-sentenzi accennati, il-manuvra tieghu kellha tkun ben kalkolata. Huwa kellu jassikura li hu seta' jaghmel din il-manuvra b' attenzjoni, bi prudenza u b' mod li kien jikkonsentilu jirriverti lura ghan-naha regolamentari fuq ix-xellug, b' mod li hu jhalli liberu l-parti tat-triq fejn kien kostrett jiddevja. Dan tempestivament, biex ma jkunx hu ta' ostakolu ghal vetturi sopravenjenti minn naha opposta;

(4) Din il-prekawzjoni tal-konvenut kienet aktar konsentita meta kif minnu ammess hu ma kellux vizwali tajba ghax kien ghat-telgha (fol. 75), u kien hemm ukoll, bhala fattur impeditrici ta' l-istess vizwali, il-fatt tal-kurva. Dan ikompli jsahhah il-fehma tal-Qorti li bhala *driver* ta' vettura intercettanti l-kurva jew liwja kellu d-dmir gravuri li jassikura ruhu sew li hu seta' jaghmel il-manuvra li ghamel;

(5) Il-fatt li l-impatt sehh fuq in-naha tat-triq transitata mill-attur abbinat man-natura tal-hsarat ikomplu jikkompletaw il-kwadru ghax juru li l-konvenut ma lahaqx iggwadanja n-naha tieghu tat-triq u l-iskontru sehh proprju fuq in-naha tat-triq ta' l-attur. Il-Qorti ma taccettax is-sottomissjoni li qabel l-incident il-konvenut ma kienx ukoll fuq in-naha tat-triq ta' l-attur 'l hinn mill-*cat's eyes* u anzi ma tarax mid-dinamika ta' l-incident u n-natura tad-daqqiet illi hu spicca fuq dik in-naha b' rizultat ta' l-incident;

(6) Kwantu ghar-riljiev principali tad-difiza tal-konvenut li l-attur kien qabel l-incident ghamel sorpass ta' vettura ohra ma hijiex sostenuta mir-rizultanzi processwali. Dan primarjament ghax din l-allegazzjoni tinsab newtralizzata mid-dikjarazzjoni mistqarra mill-istess konvenut: "Jien ma rajtux gej fuqi" (fol. 75). Hi wkoll zmentita minn cirkostanzi ohra, *inter alia*, in-nuqqas ta' vizwali. Difficilment allura tista' tigi accettata l-affermazzjoni tal-konvenut illi "f' xi hin qabel l-incident huwa (l-attur) kien hareg mill-karreggjata tieghu" (fol. 77);

In bazi ghal dawn ir-riflessjonijiet kollha din il-Qorti ragonevolment issib illi ghall-akkadut ghandu jwiegeb unikament il-konvenut minhabba nuqqas ta' attenzjoni u diligenza fis-sewqan li hu kien fid-dmir li josserva meta gie biex jaqbez ix-xoghlijiet u ingenji fuq in-naha tieghu tat-triq u ser jintercetta t-traffiku gej minn naha tal-liwja;

Ma jirrizultax li kien hemm kontestazzjoni fuq il-kwantum tad-danni hlief ghal fatt tal-kiri ta' karozza. (Ara verbal ta' Dr. Micallef Stafrace a fol. 64). Fih jinghad illi bi ftehim mar-*repairer* it-tiswija ma kellhiex iddum aktar minn hmistax-il jum. Ir-*repairer* minn naha tieghu jghid li ghalkemm ma jiftakarx kemm damet tissewwa l-vettura ta' l-attur pero` zied jghid li "normalment f' kaz bhal dan din tiehu madwar ghoxrin gurnata biex tissewwa. Dana bejn wiehed u iehor". Ara xhieda ta' George Vassallo (fol. 81);

L-ammont ta' l-ispiza ta' l-i*spare parts* u tat-tiswija supportati mid-dokumenti esebiti minn fol. 38 sa fol. 45 tlahhaq tmien mija u sittax-il lira disgha u sittin centezmu (Lm816.69,0). Kwantu ghall-kiri tal-vettura r-ricevuta a fol. 46 turi nefqa ta' mitejn u tliet liri (Lm203) ghal disgha u ghoxrin (29) gurnata bis-seba' liri kuljum. Il-Qorti qed tirreduci din is-somma ghal mija u erbghin lira (Lm140) korrispondenti ghal ghoxrin (20) jum. B' kollox ghalhekk id-danni jlahhqu l-ammont ta' disa' mija sitta u hamsin lira, disgha u sittin centezmu (Lm956.69,0).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni li sehhet fil-11 ta' Lulju 1997 fil-limiti tas-Salini bejn vettura Numru ta' registrazzjoni EAZ - 425 (gja Numru O - 5087) misjuqa mill-attur u vettura Numru BAJ - 498 misjuqa mill-konvenut;

Tilqa' t-tieni domanda billi tillikwida d-danni fis-somma ta' disa' mija sitta u hamsin lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm956.69,0)

Tilqa' konsegwentement it-tielet domanda billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma fuq specifikata in linea ta' danni;

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------